# *NON OMNIS MORIAR...*

Kont bejn żagħżugħ u tifel:
ix-xemx ta' l-oħla April kienet titriegħed
fuq il-mewġa tal-baħar—
il-baħar ikħal daqs in-nir, li jħaddan
din il-gżira ta' qalbi,
ħamra bil-ward tas-silla,
ħadra bl-oqsma taż-żara':—
rieħet iż-żahar tal-larinġ mill-ġonna
ħajritni, w-jiena qbadt it-triq li sserrep
bejn wied u raba':
ħelwa fuq wiċċi fewġet
iż-żiffa sħiħa, w-f'dak il-hena safi
ħassejtni dieħel f'ħolma,
ħolma ta' dawl u fwieħa,
ħolma ta' mħabba li ma tafx in-niket.

* * *

Kif kont mitluf, imsaħħar,
f'dik in-nagħsa ta' ħlewwa,
ħafif daqs berqa, wiċċu wiċċ ta' kewkba,
niżel anġlu mis-sema
—l-Anġlu tal-Poëżija—
u b'dawk xofftejh eħfef mir-riħ li jgħaddi
fietel ma' nżul-ix-xemx minn l-art għall-baħar
biesni bewsa fuq ġbini,
u qâlli:
"Sehmek il-Għana:
il-Ġmiel imxerred fil-Ħolqien saltnatek;
l-hena tiegħek minn Qalbek u minn Ħsiebek".
Ħassejt, la naf ta' ferħ la naf ta' biża',
tiġri rogħda ma' demmi,
u bħal xrara li tikbes
minn żnied milqut, kebset ġo qalbi w-ħeġ'ġet
xewqa li ma ntfiet qatt mas-snin ta' ħajti.

* * *

U jien għannejt:
għannejt kif jgħanni taħt ix-xemx ta' Marzu
ġojjin f'sakra ta' mħabba,
jew kif jgħanni fid-dlam ta' lejla siekta
rożinjol:

għannejt kif jgħanni l-ilma
safi li jfawwar minn ġo blata samma
u jiġġarraf u jgelgel,
qabel ma jdub fil-ħdura
li taf il-ħidma ta' dirgħajn godlija:
għannejt kif tgħanni l-fewġa
qalb ix-xuxa tal-qasab u tas-siġar
u kif fuq xtajta mwarrba
jgħanni, lubien fi mħabbtu, l-baħar tagħna.

* * *

Ħaġa tal-għaġeb!
malli minn qalbi kienet titla' l-għanja
u bil-ġwienaħ tal-kelma
ittir minn fommi bħal għasfur mill-bejta,
kienet b'għajta ta' ferħ tiġri ħafifa,
mhux lejn il-bliet imħassra,
iżda fil-beraħ, bejn il-ħdura w-l-ikħal;
u b'dehen sabiħ titħallat
ma' l-ilħna ta' l-agħsafar,
mal-fwieħa tal-wiedien u ta' l-egħlieqi,
man-nifs tal-bhejjem felħanin, li jdaħħan
abjad fil-frisk tal-għodwa,
mal-lwien imżewqa
tal-ħaxix u tal-ward
u magħhom titla' mewġa wara mewġa
lejn is-sħab, 'l hinn mis-sħab, lil hinn minn l-ikħal.

* * *

U kont nistħajjel nisma'
mill-qiegħ ta' żmenijiet il-lum minsija,
u mill-ħerba ta' bliet li kienu darba
il-qlub tad-dinja,
telgħin ilħna tal-fidda
li għannew bl-oħla kelma
is-sura tal-ħolqien u d-dija tiegħu:
ilħna ta' nies qalbiena
li raw fil-ġrajja tal-bnedmin imħabbta
mhux il-qawwa li teqred,
iżda s-setgħa li ġġedded,
setgħa li miċ-ċkejken
tnissel il-kbir, mit-tajjeb
l-aħjar, hekk kif mill-qamħa
toħroġ bil-mewt iż-żbula: nies għaqlija
li fil-mixja tal-ħajja

ma seħtetx il-għolliq tat-triq imwiegħra,
iżda warbitu w-b'tama l-iżjed sħiħa
stenniet, fil-ħin tan-niket,
tixref, għalkemm fil-bogħ'd, ix-xemx tas-sliema:
u dawn l-ilħna tal-qedem
donnhom miġbuda minn xi mħabba ġdida
kienu jissieħbu w-jorbtu
mal-leħen tiegħi u ma' l-ilħna l-oħra.
Oh Poëżija!

* * *

Issa bdejt nieżel:
għaddew sitta-w-ħamsin xtiewi minn fuqi
u kull waħda
ħalliet radda ta' ħsara
ġewwa l-għalqa ta' ħajti.
Iż-żmien naqax fuq ġbini
u fuq ħaddejja ħżuż li kull ma jmorru
joktru w-jiswiedu:
xgħari xhieb; ħbub għajnejja
tilfu l-leħħa ta' dari, w-saret tqila
il-medda ta' riġlejja,
—xhieda qawwija li tad-demm il-mewġa
m'għadhiex tiġri mimlija
u safja bħal ma kienet
mill-qalb għat-truf.
Dik ruħi kieku trid; iżda mhux dejjem
il-moħħ iwieġeb għas-sejħat tar-rieda
u l-għanja tmut, jaħasra, fi twelidha.

* * *

U t-tmiem riesaq kulljum.
Dik il-qawwa moħbija
li tħott u ġġarraf kull ma tibni l-Ħajja
u tkedd u tiekol dak li trodd is-Sengħa,
taħdem dejjem ma' dwari,
taħdem, għalkemm bla ħoss, u kollox tbiddel.
Meta nbagħ'd minn għajnejja
jaħrab id-dawl u f'dalma sewda, kiesħa,
tmut id-dehra sabiħa
tal-Ħolqien li jgħaxxaqni,
għandu mnejn fuq il-qabar
li jingħalaq fuq ġismi
l-ebda demgħa ma taqa', w-l-ebda warda
ma tixxerred minn îd li taf il-ħlewwa

ta' min ħabb u jiftakar:
u b'qalbu bierda, niesi,
jgħaddi l-warrani bla ma jħares ħarsa
fuq il-għamajra tal-poëta sieket.

* * *

Iżda l-għanja ma tmutx:
minn taħt il-għatu
tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja
il-mewġa ddoqq li ġewwa qalbi ssawret
fil-ħolma ta' żgħużiti
u f'taqsim ġdid intisġet
mal-għanja li għannejt fl-aħjar ta' żmieni.
Diwi tal-għanja tal-ħolqien il-għanja
tal-poëta: minn jeddu
ma jgħannix dan l-imsaħħar.
Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa
jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,
hekk il-poëta jgħanni,
meta tmissu l-îd t'Alla:
Ħabbar tas-Sewwa, mera tas-Sbuħija,
kelmtu mis-sema, w-min fis-sema tnissel
la jixjieħ u la jmut.
Il-poëta jintemm u l-għanja tibqa'.

April-Mejju, 1927.

**Dun Karm.**